**Il-bewsa**

Hekk hi sabiħa u tibqa'
Issibha fl-aqwa imħabbiet,
Hi minsuġa fi ġrajjietna
Tant li ddewwqna is-smewwiet.

Issibha stampata f'albums
Ritratti bil-wisq kotrana,
Turina li din ħajjitna
Titfejjaq bl-imħabba magħna.

Imma l-bewsa oċejan kbir
Min l-iżjed iġebbed fiha,
Ifissirha b'miljun elf mod
Biex jaħasra dlonk jinsieha.

Mistoqsija wara l-oħra
Fuq l-għaliex ngħatat il-bewsa,
Imma ħadd mhu qed jinduna
Kif il-qalb spiċċat imsewsa?

Kelma fuq oħra, dlam u rxiex
Jum sabiħ malajr inkiser,
Il-kelma mitqala bla kont
Il-ferħ ħarab u l-moħħ siker.

Fejn spiċċajt imbierka bewsa?
Li ngħatajt mingħajr ħafna ħsieb?
Kif inbdilt u sirt qalila?
Sirt sikka taqta' tal-moħriet?

Fejn marret tistaħba bewsa
Dik ħlewwietek li tant urejt?
Kif issa saret tant dnewwa
Għidli, fejn mort? Ma' min missejt?

Minn turija tal-imħabba
Kif sirt waħda ta' moħqrija?
M'għadhiex aktar il-ħelwa qalbek
Bl-għożża w bil-ferħ mimlija?

Bewsa ħallik mit-tradiment
Erġa' ilbes is-sentiment,
Ftakar li int biss l-istrument
Tal-fejqan li jseħħ f'dal-mument.

Patri Mario Attard OFM Cap
28 t'Awwissu 2023

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.